CITTA' NOTABILE

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Mdina

## IT-TMIEN'LEĠISLATURA

## Laqgħa b' Urġenza Numru 25

It- Tlieta, 18 ta' Mejju 2021

Il-Kunsill Lokali Mdina ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Corte Capitanale, Misraħ il-Kunsill, Mdina fit-15.00pm.

**PREŻENTI:**

Peter Sant Manduca – Sindku
Joseph Debono- Viċi Sindku
Mary Ann Sultana- Kunsilliera
Alfred Barbaro Sant- Kunsillier
Camile Scerri- Kunsilliera

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3)**

**ASSENTI**

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Mark Mallia – Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**
Is-Sindku Peter Sant Manduca ippresjeda l-laqgħa li bdiet fit-3.10pm.

**25.1 Qari tal-ittri ta' apoloġija**

25.1 Ma kien hemm ebda ittri ta' apoloġiji

**25.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

25.2.1 Fuq il-Mejda tal-Kunsill tqegħdu l-minuti tal- Tlieta u Għoxrin Laqgħa. Kopja tal-minuti ngħatat lil kull kunsillier qabel il-laqgħa

25.2.2 Is-Sindku staqsa jekk hemmx xi korrezzjoni tal-minuti. Il-minuti kienu approvati unanimament. Is-Sindku flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv iffirmaw il-minuti biex juru li huwa dokument korrett.

**25.3 Monument propost ġewwa Howard Gardens- Approvazzjoni**

25.3.1 Is- SE poġġa fuq il-mejda tal-kamra proposta mibgħuta mill-Perit Erica Pilati f'isem Made Studio biex jitpoġġa monument dedikat li Guze Howard li kien ex Prim Ministru ta' Malta u li dan l-ġnien huwa dedikat għalih. Dan il-monument ser jiġi kkummissjonat mill-Ministeru għal Kultura.

25.3.2 Il-Kunsill approva unanimament din il-proposta.

**25.4 CCTV Cameras installazzjoni- Approvazzjoni**

25.4.1 Is-SE poġġa fuq il-mejda tal-Kamra quotazzjoni mibgħuta minn G4S Security Services fuq xogħolijiet ta' installazzjoni ta' tlett cctv cameras b'fondi mill-Reġjun Tramuntana. Is-Segretarju spjega li r- Reġjun ser iħallas għal cameras u installazzjoni pero' l-ispejjez tal-materjal iridu jitħallsu mill-Kunsill. Is- SE qal li għar-raġuni li din hija direct order, jekk il-Kunsill japprova, dan l-uffiċċju xorta jkun irid l-approvazzjoni tad- Dipartiment.

25.4.2 Is- Sindku ppropona li minħabba l-urġenza ta'dan il-proġett li jrid jitlesta sal-31 ta' Mejju 2021, din il-kwotazzjoni għandha tiġi approvata u nitolbu l-konferma tad- Dipartiment.

25.4.3 Il-Kunsill approva.

**25.5 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' pagamenti**

25.5.1 Fuq il-Mejda tal-Kunsill tqegħdu l-iskedi ta' ħlasijiet li jġibu id-dati tal- 19 ta' April 2021 u t-18 ta' Mejju 2021, (mehmuża) li jammontaw għas-somma ta' € 18,154.13 u € 19,005.34 rispettivament.

25.5.2 L-iskedi ta' ħlasijiet kienu proposti għall-approvazzjoni mill-Kunsilliera. Il-Kunsill unanimament approva li jsiru l-ħlasijiet. L-iskedi ta' ħlasijet ser jiġu iffirmati miż-żewġ kunsilliera biex juru li hu dokument korrett.

**25.6 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-Seduta li jmiss**

25.6.1 Wara li ma kienx hemm affarijiet oħra, l-laqgħa ntemmet fil-3.56pm u ġiet aġġornata għal 1 ta' Ġunju 2021 fit-3pm

IFFIRMATA

______________________

Peter Sant Manduca
Sindku

IFFIRMATA

______________________

Mark Mallia
Segretarju Eżekuttiv

Data: 01-06-2021________